MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 606/2003/1

**Carmelo Cini**

**vs**

**John Cini**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Ottubru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' hames t'elef lira Maltin (Lm5,000) ghas-saldu ta' prezz ta' 'shares' li huwa akkwista minghand l-attur.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandiex tikkundannah ihallas is-somma ta’ hames t’elef lira Maltin (Lm5,000) kif intqal.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi :

1. In linea preliminari, l-eccipjent mhux legittimu kontradittur ta’ l-attur kif jirrizulta *ictu oculi* mill-istess premessi ta’ l-avviz attrici.
2. Bla pregudizzju ghall-premess, ukoll in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ l-Art. 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Fil-mertu, l-eccipjent mhux debitur ta’ l-attur.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Gunju, 2004, fejn il-konvenut John Cini wara notifika ta’ l-Avviz korrett ikkonferma l-eccezzjonijiet gia sollevati hlief ghall-ewwel (1) eccezzjoni ;

Rat il-verbal ta’ l-1 ta’ Gunju, 2005, fejn il-kontendenti kollha ddikjaraw illi ghall- provi f’din il-kawza qed jaghmlu riferenza ghall-provi kollha li ngiebu u ser jingiebu fil-kawza numru seba’ (7) fuq il-lista dakinhar; Avviz Numru 607/03 DM fl-ismijiet ‘Carmelo Cini kontra Joseph Cini’;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Dwar l-ewwel (1) eccezzjoni moghtija fin-nota ta’ eccezzjonijiet originali jirrizulta li din l-eccezzjoni kienet giet sorvolata bil-korrezzjoni awtorizzata tat-12 ta’ Mejju,

2004, u ghalhekk il-Qorti tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Infatti man-notifika mill-gdid, il-konvenut ikkonferma biss iz-zewg (2) eccezzjonijiet l-ohrajn imqajjma minnu precedentement.

Ghalkemm mid-dicitura li ntuzat fl-Avviz ma jirrizultax mill-ewwel fuq x'hiex hija bbazata l-allegazzjoni attrici illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' hames t'elef lira Maltin (Lm5,000) ghas-saldu tal-prezz tax-'shares' li huwa akkwista minghand l-istess attur, mill-provi prodotti, kif ukoll mit-trattazzjoni tal-punti legali, jirrizulta illi l-allegazzjoni attrici hija bbazata fuq it-transazzjoni tat-3 ta' Settembru, 2003, (Dok. 'GMB 2' a fol.26 tal-process).

Dan mhux biss huwa kkonfermat fid-deposizzjoni ta' l-Emeretus Prim Imhallef Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici, izda jirrizulta defenittivament ukoll mill-ittra ta' l-istess Imhallef lill-Avukati tal-konvenut u hutu ta' l-4 ta' Settembru, 2003, (li bi zball kienet giet datata 4 ta' Awissu, 2003), li tinsab esebita a fol. 25 tal-process Dok. 'GMB 1'.

Ghalhekk skond it-talba attrici l-ammont mitlub fl-Avviz sar dovut fit-3 ta' Settembru, 2003, u din hija d-data krucjali li minnha tibda' tiddekorri l-preskrizzjoni.

Huwa ghal kollox irrelevanti l-meritu tal-kwistjoni li dwara saret it-transazzjoni, ghaliex il-kreditu allegat ta' l-atturi ma huwiex direttament derivanti mill-kwistjoni li giet transatta (f'dan il-kaz trasferiment ta' l-ishma fil-kumpanija li saret mill-attur lill-konvenut) izda hija derivanti direttament mill-att ta' transazzjoni li fil-fatt jaghti tmiem ghall-kwistjoni li l-partijiet kellhom fi hsiebhom biex it-titolu tal-kreditur jibqa' gej biss mill-kuntratt ta' transazzjoni.

Bl-ewwel (1) eccezzjoni tieghu wara n-notifika bl-Avviz korrett, il-konvenut issolleva l-preskrizzjoni ta' hames (5) snin kontemplata fl-Artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili u billi bejn it-3 ta' Settembru, 2003, u l-10 ta' Dicembru, 2003,

id-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz ma ghaddewx hames (5) snin din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Fil-mertu, jirrizulta mill-provi u mit-trattazzjoni tal-kawza illi l-konvenut qed isostni li mhux debitur ta' l-attur mhux ghaliex ma jaccettax li effettivament saret l-iskrittura tat-3 ta' Settembru, 2003, izda ghaliex huwa jsosstni li fiz-zmien li ntlahaq il-ftehim u giet ipperfezzjonata l-iskrittura tat-3 ta' Settembru, 2003, huwa ma kienx ghadu qed isosstni l-offerta maghmula precedentement u li, jekk kien awtorizza lil Dr. Simon Tortell jaghmel l-offerta xhur qabel, huwa kien irtira din l-offerta mat-trasferiment ta' l-ishma tieghu lil huh u zgur ma kienx ta lil Dr. Simon Tortell l-awtorita' biex jirraprezentah u jidher ghalih fil-kuntratt ta' transazzjoni tat-3 ta' Settembru, 2003.

F'dan il-kaz m'hemmx lok li wiehed jaghmel xi riferneza ghall-prezunzjoni ta' prokura tacita' mill-klijent lill-Avukat tieghu u dana peress proceduri gudizzjarji kienu ghadhom ma gewx intavolati u kemm Dr. Simon Tortell u kemm l-attur u d-difensur tieghu kienu jafu li l-konvenut kellu Avukat iehor jirrapprezentah bhala l-Avukat ta' fiducja tieghu u dan ma kienx Dr. Simon Tortell.

Ghalhekk il-prova rikjesta mill-attur biex il-kuntratt ta' transazzjoni jista' jorbot lill-konvenut, hija dik li twassal ghall-konferma li Dr. Simon Tortell fit-3 ta' Settembru, 2003, kien qed jidher ghall-konvenut b'awtorizzazzjoni specjali u li l-konvenut kien ghadu jsosstni tali awtorizzazzjoni u japprova l-agir tal-prokuratur.

Fejn jaqbel kullhadd huwa dwar il-fatt li f'xi zmien bejn Frar u April, 2003, it-tlett (3) ahwa Cini flimkien ma' l-Avukati rispettivi taghhom kienu qablu li jaghmlu offerta ta' hlas ta' hames t'elef lira Maltin (Lm5,000) lill-attur f'tentattiv ta' transazzjoni tal-pendenza li kellhom ma' l-istess attur u biex iwassal tali offerta lill-attur kienu nkarigaw lil Dr. Simon Tortell.

Jirrizulta ukoll illi kellhom interess jaslu ghal tali transazzjoni sabiex ma jisfrattax it-trasferiment intiz ta' l-

ishma fil-kumpanija 'Carmelo Cini & Sons Limited' li l-konvenut kien mifthiem li jaghmel lil huh Louis Cini.

Izda wara li Dr. Simon Tortell wassal l-offerta lill-attur, il-konvenut ma kien irceva ebda accettazzjoni ta' tali offerta u nfatti, billi t-transazzjoni ma sehhietx, biex seta' jasal ghat-trasferiment ta l-ishma lil huh, kellu jaccetta illi jaghmel tajjeb ghal dak kollu li jista' jsofri l-kompratur f'kaz li l-pretensjoni li kellu l-attur dak iz-zmien, rigward it-titolu pretiz ghall-ishma fl-istess kumpanija, kellha tigi gudizzjarjament akkolta.

Fil-kuntratt tat-trasferiment ta' l-ishma mill-konvenut lill-huh Louis Cini gie pattwit hekk:

"*The Vendors undertake to keep the Purchasers free and harmless against any action, claim or demand which may be made by Carmelo Cini, bearer of Identity Card Number 043817 (M), or any of his heirs, legatees or assignees in title, in respect of any claim which may be directed at anytime hereafter against the Purchasers or the Vendors or both in respect of the Vendors' title to the Shares, and to indemnify the Purchasers against any resultant damages, costs or other payments they may incur as a result of such action, claim or demand – provided that the indemnity being given by each of the spouses Joseph and Josephine Cini and the spouses John Mary and Marlene Cini will decrease proportionately or lapse in the event that the Purchasers transfer all or part of the Shares in the Company or otherwise in the event that the Purchasers have suffered a final and absolute judgement without having made the Vendors a party to the lawsuit and granted the Vendors the opportunity to defend the claim.*"

Billi huwa accettat anke minn Dr. Simion Tortell li l-offerta ghall-transazzjoni saret minhabba biza li l-attur seta' jwaqqa' it-trasferiment ta' l-ishma jsegwi li, wara li sar tali trasferiment f'Mejju, 2003, l-ahwa Cini, li dejjem sostnew li l-pretensjoni ta' l-attur dwar l-ishma fil-kumpanija kienet bla bazi u la ma kellhom jaghtuh xejn, allura ma kellhom ebda nteress ulterjuri f'tali transazzjoni.

Infatti dan jispjega ukoll ghaliex, minnflok xi riferenza ghal xi tentattiv ta' transazzjoni pendenti, fil-kuntratt ta' trasferiment ta' l-ishma mill-konvenut lil huh giet pattwita biss garanzija ghad-danni rizultanti f'kaz li kellha tigi akkolta gudizzjarjament il-pretensjoni ta' l-attur dwar l-ishma trasferiti u ma saret ebda referenza ghat-tentattiv ta' transazzjoni li kien sar qabel ma sehh dan it-trasferiment.

Dan il-fatt ukoll idghajjef l-allegazzjoni ta' Dr. Simon Tortell li l-Avukat ta' l-attur kien accetta l-proposta ta' transazzjoni qabel ma gie ffirmat it-trasferiment ta' l-ishma mill-konvenut lil huh.

Tajjeb li jinghad ukoll hawnhekk illi x-xhieda l-ohra kollha, komprizi l-Emeritus Prim' Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici, jichdu li tali accettazzjoni saret qabel dak it-trasferiment; infatti l-Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici ipoggi d-data ta' l-accettazzjoni verbali ghall-habta ta' Gunju jew Lulju, 2003, u jiddikjara "*li ghaddew xaharejn minn meta jien accettajt l-offerta ta' Dr. Simon Tortell u d-data tat-transazzjoni bil-miktub*".

Ghalhekk meta l-konvenut huwa assigurat li l-offerta tieghu ma kienitx accettata, meta diga' trasferixxa l-ishma lil huh u meta dahal ghall-garanzija f'kaz li tirnexxi l-pretensjoni ta' l-attur, wiehed ma jistax jikkonkludi li l-konvenut kien konxju b'xi transazzjoni li kienet ser tigi miftiehma jew li kien interessat fiha u wisq inqas ma jista' jinftiehem li l-konvenut wara li awtorizza lil Dr. Simon Tortell jaghmel l-offerta issa awtorizzah specifikament biex jiffirma ghan-nom tieghu l-kuntratt ta' transazzjoni tat-3 ta' Settembru, 2003.

F'dan il-kuntest ghandu ukoll rilevanza kbira dak li xehed l-Imhallef Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici fejn ikkonferma illi "*Dr. Simon Tortell kien informani illi l-ahwa l-ohra (Joseph u John) kienu qed joggezzjonaw ghall-hlas qabel ma saret l-iskrittura tat-3 ta' Settembru pero' definittivament wara t-3 ta' Lulju, 2003.*" (fol. 22).

Ghalhekk il-preponderanza tal-provi tindika li la l-konvenut u lanqas huh ma kienu awtorizzaw lil Dr. Simon Tortell biex jibqa' ghaddej bit-trattattivi dwar it-transazzjoni u wisq inqas illi jikkonkludi tali transazzjoni u jiffirma t-transazzjoni ghan-nom taghhom.

Inoltre fir-rigward tal-konvenut John Cini lanqas ma saret prova illi effettivament dan kien inkariga direttament lil Dr. Simon Tortell li jaghmel l-offerta ta' transazzjoni qabel Mejju, 2003, u, ghalkemm jirrizulta illi kien approva tali offerta meta dina kienet saret, zgur ma jirrizultax illi huwa kien awtorizza specifikament u direttament lil Dr. Simon Tortell sabiex, wara Mejju, 2003, huwa jibqa' ghaddej bit-trattattivi u li sahansitra jiffirma ghan-nom tieghu l-iskrittura ta' transazzjoni.

Ghaldaqstant ma jirrizultax illi Dr. Simon Tortell kien inekwivokament awtorizzat sabiex jikkonkludi u jiffirma l-iskrittura tat-transazzjoni tat-3 ta' Settembru ghan-nom tal-konvenut John Cini u huh Joseph u ghalhekk tali skrittura ma torbotx lill-konvenut u fil-konfront tieghu ghandha titqies bhala *res inter alios acta* u konsegwentement il-Qorti qieghda tichad it-talba ta' l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur."

Fil-kontestazzjoni tieghu kontra din is-sentenza l-attur jissottometti b' aggravji illi (i) l-ewwel Qorti ma ghamletx apprezzament korrett tal-fatti u (ii) kien hemm transazzjoni effettiva ssigillata bil-ftehim *in iskritto* tat-3 ta' Settembru 2003. Effettivament, il-formazzjoni tal-hsieb ta' l-appellanti hu kollu kemm hu orjentat versu dan l-aspett tat-transazzjoni raggunta. Dan kemm mill-ottika tieghu ta' l-aspett guridiku involut u, aktar u aktar, mil-punto di vista tal-valutazzjoni tieghu tal-fatti probatorji in atti;

Bla dubju, id-divarju bejn il-kontendenti fuq l-aspett tal-fatti huwa profond. Opportunament, u qabel konsiderazzjoni xierqa taz-zewg posizzjonijiet kontrapposti, jokkorri li jigi

diskuss u epurat il-punt tad-dritt involut in tema ta' transazzjoni;

L-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili jiddefinixxi t-transazzjoni bhala kuntratt "li bih il-partijiet, b' xi haga li jaghtu, jwieghdu jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir". Jitnissel minn dan illi t-transazzjoni tippresupponi l-ezistenza precedenti ta' konflitt ta' interess, kwalifikat dan mill-pretiza tal-wiehed u r-rezistenza ta' l-iehor ghal dik il-pretiza. Skond id-duttrina legali prevalenti, biex negozju jista' jitqies transattiv hu mehtieg, minn naha l-wahda, li tali negozju jkun jikkontjeni *res dubia*, ossija rapport guridiku tali li, almenu, fil-fehma tal-partijiet ghandu karattru ta' incertezza; minn naha l-ohra, l-intent li tigi mitmuma s-sitwazzjoni ta' dubju. Dan billi l-kontraenti jaghmlu koncessjonijiet reciproci, fis-sens illi l-wiehed jissagrifika xi pretensjoni tieghu ghaf-favur tal-parti l-ohra (ad ezempju, riduzzjoni tas-somma pretiza) b' mod li jigi realizzat il-*quid medium* bejn il-prospettazzjonijiet inizzjali. Dan kollu jista' jigi ahjar illustrat b' referenza ghal xi decizjonijiet in materja;

Fis-sentenza "**Banchiere Emmanuele Scicluna -vs- Il Padre Lettore Fra Domenico Pace *nomine***", Qorti Civili, Prim' Awla, 2 ta' Gunju 1884, per Imhallef Dr. Filippo Pullicino, jinghad a propositu illi "*per la validita` della transazione si richiede che la causa sia dubbia o di esito incerto; che basti un timore di pericolo o sospetto di una lite futura in controversia; che un articolo di Diritto sia dubbio, o dubbio il fatto e che l' occasione di dubitare sia ragionevole*";

Huwa konkordament accettat imbaghad f' gurisprudenza li tista' titqies pacifika illi "t-transazzjoni ghandha zewg elementi partikolari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-ohra, cjoe d-dubbju li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess flok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti u l-element tal-*hinc inde remissum*, cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku." F' dan is-sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Joseph Micallef *nomine* -**

**vs- Raymond Vella**”, Appell Civili, 8 ta’ Marzu 1991; “**Dottoressa Carmen Caruana *et* -vs- Joseph Gauci**”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997 u “**Rev. George Schembri -vs- Igor Moscalenko**”, Qorti Civili, Prim' Awla, 9 ta’ Gunju 2004;

Affermati dawn l-elementi tal-kuntratt in ispecje, l-accertament tan-natura transattiva tan-negozju jesigi li l-gudikant jasal ghalih fuq il-valutazzjoni tal-fatti, s’ intendi, dejjem, fir-rispett ta’ dawk il-kanoni legali maghrufa ta’ l-ermenewtika kontrattwali. Il-Qorti trid tara allura jekk kienx hemm kontroversja bejn il-partijiet u jekk kienx hemm mill-fatti attendibbli dawk l-elementi manifestanti l-iskop li tigi terminata dik l-istess kontroversja;

Fuq il-valutazzjoni tieghu tal-fatti, l-attur appellant jipprocedi b’ dawn l-osservazzjonijiet:-

(i) It-tlett ahwa Cini lkoll qablu li jaghmlu offerta ta’ hlas ta’ hamest elef lira (Lm5000) lil missierhom f’ tentattiv ta’ transazzjoni;

(ii) Din l-offerta giet komunikata lill-avukat ta’ fiducja tieghu tramite l-Avukat Dottor Simon Tortell. Offerta din accettata minnu, ossija mill-avukat tieghu, wara xahrejn mill-komunika. Offerta u accettazzjoni li ma gewx irtirati minn wara li gew espressi;

(iii) Meta giet iffirmata t-transazzjoni fit-3 ta’ Settembru 2003, l-Avukat Simon Tortell kien hekk awtorizzat ukoll mill-konvenut appellat. Dan jikkonfermah l-istess Joseph Cini fix-xhieda tieghu;

Sintetikament, l-appellat, bil-kontra, jikkontendi li:-

(i) Huwa qatt ma ta nkarigu lil Dr. Simon Tortell biex dan jagixxi ghan-nom tieghu, la biex jikteb f’ ismu u lanqas biex jikkonkludi transazzjoni. Isostni li l-imsemmi avukat qatt ma kien mandatarju tieghu;

(ii) Il-posizzjoni minnu assunta kienet dejjem dik li hu ma ghandu jaghti xejn;

Dan premess, kif kien mistenni, u in bazi ghall-evalwazzjoni partikulari taghhom tal-provi, il-kontendenti jiddivergu wkoll fuq il-punt legali tal-kwestjoni. Hekk mentri ghall-appellanti, l-iskrittura tat-3 ta' Settembru 2003 kienet tinkorpora fiha l-kostitutivi kollha ta' transazzjoni kompleta u effettiva - jigifieri l-prova skritta *ad probationem tantum*, ir-*res dubia*, u l-volonta` tal-partijiet li jiddeterminaw il-kontroversja sorta bejniethom - l-appellat, invece, jirpoza l-agromenti tieghu fuq il-konsiderazzjoni illi dik l-istess transazzjoni qatt ma kienet accettata minnu, u la awtorizzaha u lanqas akkonsenta ghaliha. Huwa jadduci wkoll illi f' kull kaz, gjaladarba fit-transazzjoni kien jonqos l-element tas-“sagrificcju reciproku”, l-istess transazzjoni kienet affetta minn nullita`, anke jekk fil-verita` dan ma jghidux espressament;

Posti l-veduti tal-partijiet kemm fuq l-aspett tal-fatti kif ukoll dak tad-dritt, din il-Qorti, wara li rriflettiet sew dwarhom, hi in grad li taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) Ibda biex, m' hemmx kwestjoni illi bejn il-partijiet kienet tezisti kontroversja dwar it-trapass ta' ishma fil-kumpanija C. Cini and Company Ltd li l-attur kien ghaddha lil uliedu, fosthom lill-konvenut. Lanqas ma jidher li hemm kwestjoni illi din il-kontroversja kienet titratta minn pretiza ta' l-attur ghall-hlas ta' dawk l-istess ishma. Jinsab, invece, kuntrastat mill-appellat illi, ghall-fattibilita tat-transazzjoni *de quo*, kien hemm mankanti l-element tal-koncessjonijiet reciproci. Huwa veru li l-appellanti ghamel riduzzjoni tas-somma minnu inizzjalment pretiza. Daqstant iehor pero` huwa veru illi, kif dikjarat mix-xhud Dr. Simon Tortell, “il-posizzjoni ta' John Cini kienet dejjem illi hu m' ghandu jaghti xejn lil missieru” (fol. 29). Logikament, minn dan huwa ferm dubbjuz kemm l-appellat kien interessat li jaghti certezza guridika permezz ta' transazzjoni lir-rapport ezistenti bejnu

u l-attur missieru meta ghalih kien indisputat li hu ma kellu ebda obbligi jew drittijiet fil-konfront ta’ l-istess missieru. Wisq anqas, allura, li jissagrafika xi haga biex jintlahaq regolament ta’ l-interessi fuq il-bazi tal-*quid medium*, kif aktar ‘il fuq accennat;

(2) Aktar fundamentali, pero`, minn dan li appena nghad huwa l-fatt jekk da parti ta’ l-appellat kienx hemm dak il-kunsens li jghaqqad il-ftehim tat-transazzjoni. Ghall-verifika ta’ din il-materja jokkorri certament jittiehed rigward tas-sinifikat oggettiv tad-dikjarazzjonijiet li saru mix-xhieda:-

(a) L-Avukat Simon Tortell jiddikjara li kien Joseph Cini li qallu li hu seta’ jitratta mal-konsulent legali ta’ l-attur anke ghan-nom ta’ l-appellat. Huwa qaghad fuq din id-dikjarazzjoni u ma deherlux li kellu preventivament jottjeni konferma minghand l-appellat jew mill-avukat tieghu Dr. Joe Zammit Mckeon. Dan lanqas wara li kien ikkonkluda akkordju verbali. Hu cert pero` li lilu l-appellat qatt ma qallu personalment li seta’ jinnegozja ghan-nom tieghu;

(b) Ix-xhud Joseph Cini (fol. 40) jizmentixxi li hu kien issuggerixxa lill-Avukat Tortell biex iressaq kontro-proposta ghas-somma pretiza mill-attur anke ghan-nom ta’ l-appellat huh. Kategorikament, jiddikjara illi l-appellat “lili qatt ma awtorizzani li jien nitkellem jew ninnegozja ghan-nom tieghu” (fol. 42);

(c) Addirittura, anke fil-kaz ta’ dan l-ahhar imsemmi xhud, jinghad mill-Avukat Norval Desira li kien jidher ghalih illi huma qatt ma taw awtorizzazzjoni lil Dr. Simon Tortell biex dan jiffirma ftehim ta’ transazzjoni ghan-nom tieghu (fol. 37);

(d) Huwa mistqarr mill-Onor. Professur Giuseppe Mifsud Bonnici illi n-negozjati gew kondotti minnu ma’ Dr. Tortell biss in kwantu dan assigurah li kien qed jirraprezenta lit-tlett ahwa. Ta’ min jirrileva wkoll illi dan ix-xhud iddikjara wkoll illi ad eskluzjoni ta’ Louis Cini, “Dr. Tortell kien informani illi l-ahwa l-ohra kienu qed joggezzjonaw ghall-hlas qabel ma saret l-iskrittura tat-3 ta’ Settembru pero` definittivament wara t-3 ta’ Lulju” (fol. 22);

Mill-kwadru ta' dawn id-dikjarazzjonijiet kollha hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, anke jekk wiehed joqghod ghal kollox fuq ix-xhieda ta' Dr. Tortell biss, illi l-istess Dr. Tortell ma kellux l-awtorita` mill-appellat biex jikkonkludi negozjati ma' l-avukat tal-kontroparti, u wisq anqas ftehim definittiv ta' transazzjoni f' ismu. Taht dan l-aspett is-sentenza appellata ma tistax titqies li tiddifetta minn motivazzjoni zbaljata ta' l-apprezzament tal-provi;

Dr. Simon Tortell ma kienx l-avukat ta' fiducja ta' l-appellat biex jista' jigi ragonevolment asserit illi, *qua* avukat, "m'ghandux bzonn jaghmel provi fis-sens li huwa rceva l-inkarigu minghand il-klijent ghaliex l-asserzjoni tieghu hija bizzejjed bhala prova ta' l-inkarigu" (**Kollez. Vol. XLI P I p 572**). Hemm imbaghad l-osservazzjoni sottomessa mill-appellat illi, ankorke, Dr. Tortell kellu jitqies, u dan qed jinghad, *gratia argomenti* biss, bhala mandatarju tieghu, xorta wahda dan ma kellux ukoll il-mandat espress specjali li jitransigi f' ismu. F' dan, l-appellat jistrieh fuq l-awtorita` tas-sentenza riportata a **Vol. XXXIX P I p 513** in re "**Edwin Bartolo *et* -vs- Giovanni Bondin**", Qorti Civili, Prim' Awla, 15 ta' Jannar 1955. Decizjoni din li giet abbraccjata wkoll mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "**Romeo Fleri -vs- Nutar Francis X. Dingli**", 17 ta' Mejju 1963 (**Kollez. Vol. XLVII P I p 277**). Din il-Qorti, kif presjeduta, ghandha r-rizervi taghha dwar l-affermazzjoni f' dan is-sens statwita f' dawn is-sentenzi. Fil-hsieb taghha, tali mandat specjali jsir impellenti <u>biss</u> fil-kaz li l-koncessjonijiet reciproci tal-partijiet jigu allargati ghal xi rapport divers minn dak li ghalih il-mandat ikun gie konferit. Jekk allura ikun inghata mandat lill-avukat biex dan jikkonkludi ftehim, anke jekk wiehed ta' transazzjoni, ghandu jkun prezunt, ex-Artikolu 1868 Kodici Civili, "*che le sia accordata la facolta di fare tutto cio che è necessario per l' esecuzione del mandato*" ("**Giuseppe Debono -vs- Dr. Filippo Nicolo Buttigieg**", Appell Civili, 13 ta' Gunju 1923), u dan bla htiega ta' xi mandat specjali ulterjuri. Dan zgur, imbaghad, fil-kaz ta' mandat dirett specifikament ghal negozju u ftehim fuq materja disputata;

Maghdud dan, l-interpretazzjoni cara li tohrog mill-fatti tal-kaz tibqa' dik li l-appellat ma wera bl-ebda kunsens jew volonta` tieghu, b' xi diskors jew xi att iehor, espressament jew indott mic-cirkostanzi, li hu kkonferixxa mandat lill-Avukat Tortell biex dan jagixxi f' ismu. Lanqas ma jirrizulta li fil-kors tat-trattattivi li kienu qed isiru huwa aderixxa ghal xi ftehim, jew ukoll, li rratifika tali ftehim *per facta concludentia*. Fil-kumpless, minn dak verifikat, l-aggravji sottomessi ma jistghux jircievu l-favur ta' din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u b' hekk tichad l-appell, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------